V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10139 — DESFA / COPELOUZOU / DEPA / GASLOG / BTG / GASTRADE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 435/05)

1. Fl-20 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hellenic Gas Transmission System Operator S.A. ("DESFA", il-Greċja),

— Asimina-Eleni Copelouzou ("is-Sinjura Copelouzou", il-Greċja),

— DEPA Commercial S.A. ("DEPA Commercial", il-Greċja),

— GasLog Cyprus Investments Limited ("GasLog", Cyrpus),

— Bulgartransgaz EAD ("BTG", il-Bulgarija),

— GASTRADE Limited Construction and Technical Company of Natural Gas S.A. ("GASTRADE", il-Greċja).

DESFA, is-Sinjura Copelouzou, DEPA Commercial, GasLog u BTG jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' GASTRADE.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— DESFA: hija proprjetarja, tħaddem, tagħmel il-manutenzjoni, tiġġestixxi u tiżviluppa n-network Grieg ta' trażmissjoni tal-gass bi pressjoni għolja u t-terminal tal-Gass Naturali Likwifikat (Liquefied Natural Gas, "LNG") li jinsab fil-gżira ta' Revithoussa, il-Greċja,

— is-Sinjura Copelouzou: individwu li hija l-azzjonist fundatur ta' GASTRADE,

— DEPA Commercial: il-fornitur ewlieni tal-gass tal-Greċja involuta fil-provvista, il-bejgħ bl-ingrossa u l-kummerċ tal-gass naturali,

— GasLog: hija l-proprjetarja, tħaddem u tiġġestixxi bastimenti tal-LNG, li jipprovdu appoġġ lill-kumpaniji tal-enerġija fil-katina tal-provvista tagħhom tal-LNG,

— BTG: l-operatur tal-Istat Bulgaru li jwettaq attivitajiet liċenzjati ta' trażmissjoni u ħżin tal-gass naturali,

— GASTRADE: hija l-proprjetarja u tiżviluppa faċilità tal-LNG li se tkun qrib Alexandroupolis fil-Greċja.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10139 — DESFA / COPELOUZOU / DEPA / GASLOG / BTG / GASTRADE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË